MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2011

Avviz Numru. 1496/1998/1

**Charles Attard Bezzina**

**Vs**

**Dolphin Supermarket Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex is-socjeta' konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-attur is-somma ta' tlett mija u hamsa u sebghin Lira Maltija (Lm375) dovuta in konnessjoni ma' prestazzjoniiet esegwiti mill-attur fl-interess tas-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat l-eccezzjonijiet sottomessi mis-socjeta' konvenuta waqt is-seduta tal-25 ta'Jannar 1999 u li bihom eccipiet :

1. Illi fl-ewwel lok is-socjeta' konvenuta mhux il-legittimu kontradittrici peress li ma kienetx tenuta li thallas ghas-servizzi tal-attur hi.
2. Illi fil-meritu, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet a fol 6 ibid.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri (fol 57 ibid) u li biha eccepiet bir-rispett:

Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet gia sollevati, it-talba attrici hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2148(a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u ghandha tigi respinta bl-ispejjes.

Rat is-sentenza preliminari (fol 68 ibid) u li biha giet michuda l-eccezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat l-eccezzjoni ulterjuri kif moghtija fis-seduta tal-11 ta' Gunju 2008 (fol 71 ibid) minn fejn jirrizulta li 'meta inghatat l-eccezzjoni ulterjuri gie citat artikolu zbaljat u dan kellu jkun 2148(d) u 2149( c) tal-Kap 16'.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment fol 73 ibid u in-nota tal-osservazzonijiet tal-attur (fol 74 et seq ibid) u dik sottomessa mis-socjeta' konvenuta a fol 77 et seq ibid.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-<u>attur</u> (fol 18 et seq ibid) xehed illi hu kien gie inkarigat mis-socjeta' konvenuta sabiex '…nara l-'accounts' tas-socjeta' bl-isem ta' 'Dolphin D.I.Y. Ltd' li kellha bhala azzjonisti l-istess socjeta' konvenuta u Renato Arcidiacono. Dan kien sar sabiex l-istess socjeta' konvenuta tara li l-interessi taghha bhala azzjonist f'din is-

socjeta' jigu salvagwardati cjoe '… li l-kontijiet kollha kienu qed jintbaghtu ….. il-'business' imexxi minn 'Dolphin DIY Ltd' kien qed jitmexxa kif suppost'. Din l-ahhar socjeta' kellha lil Renato Arcidiacono bhala 'managing director' waqt li d-diretturi kienu Michael u Ralph Bianchi. Dan l-inkarigu kien inghata lili minn Michael Bianchi u l-istess xoghol deskritt minnu bhala 'consultant' kien inbeda minnu f'Awissu 1995 u kien ghadu ghaddej bih f'Novembru 1995. Inoltre hu kien gie sussegwentement impjegat mill-grupp ta' Bianchi'. Dwar il-pagament pretiz hu kien ikkalkolah b'rata ta' Lm5 fis-siegha izda meta talab il-pagament relattiv ghal din il-prestazzjonijiet'… dejjem kienu jghiduli 'issa naraw, issa naraw'. L-imsemmi <u>Renato Arcidiacono</u> xehed (fol 20 u fol 21 ibid) illi f'certa data kien sab lill-attur fl-ufficju tieghu u dan kien qalli li '.. kien baghtu Mr Bianchi, direttur tas-socjeta ...' konvenuta sabiex jivverifika l-'accounts' tas-socjeta' 'Dolphin DIY Ltd'. Difatti l-istess Michael Bianchi kien informa lix-xhud li l-attur kien qed jagixxi '… ghall-interessi taghhom cioe s-socjeta' konvenuta'.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>Michael Bianchi</u> (fol 37, fol 41) sostna li l-attur kien impjegat ma' socjeta' ohra bl-isem ta' 'Terranet Ltd' izda, qabel, l-istess attur kien hadem, ghal certu perjodu ta' zmien ma Dophin DIY Ltd li fiha is-socjeta' konvenuta kellha 'interess'. Dwar dan hu jghid illi '…bhala 'interessi' kont ghidt lil(l) attur sabiex imur jahdem ma' din l-ahhar ditta'. Dan kien xoghol specifiku peress li l-ahhar socjeta' li ssemmiet kellha 'accounts' li kien 'dizastru' u kienet immexxija hazin u l-ishma appartenenti lis-socjeta' konvenuta kienu eventwalment inbieghu lil Renato Arcidiacono. Dwar dak mifthiehm mal-attur, ma kien sar l-ebda ftehim bil-miktub u d-dettalji '… jien hallejt f'idejn Arcidiacono'.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi dwar l-eccezzjonijiet kollha sottomessi jista' jinghad li nsemghu l-provi kollha relattivi , u ghalhekk ser jigu decizi l-eccezzjonijiet kollha u sussegwentement, jekk ikun il-kaz

il-meritu. Difatti fin-nota ta’ sottomissjonijiet tas-socjeta’ konvenuta gew trattati il-punti kollha involuti f’dan il-kaz.

Ikkunsidrat

Dwar l-eccezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni tal-azzjoni a bazi tal-artikolu 2148(d) u 2149© tal-Kodici Civili l-ewwel artikolu jirreferi ghall-azzjonjiet ta’ persuni mhallsin bis-sena’ ghall-pagament tas-salarju waqt li t-tieni wiehed jirreferi ghall-azzjonijiet ta’ persuni li jesercitaw professjoni jew arti liberali.

In rigward din l-eccezzjoni, ma irrizulta bl-ebda mod li l-attur kien impjegat kif hemm specifikat fl-ewwel artikolu. Difatti hu kien gie assunt tista’ tghid, bhala konsulent u sabiex jippresta s-servizzi tieghu sabiex jara li l-interessi tas-socjeta’ konvenuta bhala azzjonista fl-ittra li semmiet, jigu salvagwardati kif hemm specifikat fl-istess xhieda ta’ Michael Bianchi. Din ma tifssirx li l-attur kien impjegat ossija ‘employee’ fil-veru sens ta’ din il-kelma. Inoltre, kif gie sottomess korrettament fin-nota ta’ sottomissjonijiet tieghu, l-attur ma’ kienx qed jesercita l-professjoni ta’ ‘accountant’, izda kif gie kjarifikat aktar il-fuq’. Ghalhekk l-artikoli in esami ma’ humiex fil-fehma ta’ din il-Qorti, applikabbli f’dan il-kaz u din l-eccezzoni ghandha tigi michuda.

Ikkunsidrat

Illi dwar l-eccezzoni enumerat numru wiehed (1) a fol 6 ibid, jidher car li l-attur kien gie assunt sabiex jissorvelja l-interessi tas-socjeta’ attrici u ghalhekk ghandu jigi konsiderat bhala kreditur, f’dan il-kaz, tal-istess socjeta’.

Ikkunsidrat

Illi dwar l-ammont pretiz u n-rigward it-tieni (2) eccezzjoni a fol 6 ibid, ma ingiebet ebda prova li turi li l-istess talbiet huma infondati. Inoltre ‘arbitrio boni visi’ ir-rata ta’ Lm5 tidher gustifikata u b’hekk l-ammont mitlub ghandu jigi akkolt.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, waqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha sottomessi mis-socjeta’ konvenuta, tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta’ Lm375 ossija €873.52 bl-imghax legali mill-31 ta’ Lulju 1998 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes ta’ din il-procedura.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------